**San Valentinu**

Illum hawn bizibilju
Stqarrijiet ta' mħabba kbira,
Min jismagħhom jistagħġeb
U forsi jibda’ jammira.

Bukketti sbieħ tal-fjuri
Ikliet u romatiċizmu,
Turijiet u xinxilli
U splużjoni t'ottimiżmu.

Għidli x'jibqa' għall-ġranet
Li jgerrbu u jgħaddu malajr,
Se tibqa' dik l-imħabba?
Jew taret bhalma jtiru t-tajr?

Għal dan San Valentinu
Nixtieqek ma tixtrili xejn,
Għax x'jiswa tagħtini?
Bla rispett kollu bżar fl-għajnejn.

Ma rridekx li turini
L'int professur fl-imħabba,
Urini li wisq tħobbni
Meta tgħinni nitgħabba.

Bil-piż u bil-problemi
L'hemm preżenti fil-familja,
U tismagħni mhux taħrab
Dik hi l-imħabba fil-milja.

Dal-jum li malajr jgħaddi
Nitolbok li ma taħraqnix,
Ħa naraw kemm issarraf
U jekk minn għada tinsinix.

L-aħħar se ngħidlek
Qed ngħidhielek issa, f'ħinu,
Ħobbni dejjem w ismagħni
Mhux biss għal San Valentinu.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.